# Joseph Buhagiar - Iż-Żużu

Kitba ta' Frans Pullicino

## 25 Sena Mit-Tragedja



Din is-sena, meta l-Għaqda Mużikali Sant'Elena qed tiċċelebra ċ-ċentinarju tagħha, qegħdin infakkru u nikkommemoraw it-traġedja kbira li ġrat quddiem il-każin tagħna. Dan seħħ meta Joseph Buhagiar, magħruf bhala 'Iż-Żużu', tilef hajtu fl-isptar San Luqa fil-lejl ta' nhar l-Erbgħa, 20 ta' Lulju 1994 meta waqa' mill-appramorta tal-każin eżatt quddiem il-faċċata tal-każin.

Min kien iż-żużu? Ħafna żgħażagħ ovvjament ma jafux min kien dan il-bniedem. Kien il-Viċi-President tal-kumitat, bniedem maħbub minn kulħadd, dejjem daħkan u dejjem lest li jgħin lil ħaddiehor. Kien jagħmel ħafna xogħol volontarju fil-każin ta' kisi, tibjid, żebgħa u xogħol manwali ieħor. Kull meta kien possibbli dejjem kont tarah il-każin u kien iħobb ukoll jattendi servizzi tal-banda. Kellu interess speċjali fil-każin u fil-banda. Siefer ukoll darbtejn mal-banda, l-ewwel meta marret Monreale fl-1988 u dik f'Tuneż. F'Monreale, fi Sqallija, konna ġejna mistiedna biex nieħdu sehem fil-festa tas-Salib, fejn il-banda daqqejna f'Monreale għal festa tas-Salib kif ukoll kunċert kbir f'Palermo fi pjazza prinċipali quddiem it-teatru famuż Politeama. Għal din iż-żjara kien hemm min siefer bil-vapur u min bl-ajru. Iż-Żużu siefer bħal maġġoranza tal-bandisti u partitarji bil-Vapur 'Għawdex', li dak iż-żmien kien jagħmel il-vjaġġi bejn Malta u Sqallija.

Siefer ukoll mal-banda ħames xhur qabel din it-traċedja, meta l-banda ġiet mistiedna biex idoqq it-Tuneżija, f'Marzu 1994. Dak in-nhar, meta l-banda tagħna kienet qed tagħmel marċ kbir fl-Avenue Habib Bourghiba f'Sousse, kellna inċident li ħoloq tbissima. Dan għaliex ovvjament quddiem il-banda tagħna kellha l-istandard tal-banda b'kulur aħdar. Aħna f'dik l-okkażżjoni ġejna mistiedna bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-President tat-Tuneżija (Ben Ali), fejn il-kulur aħdar kien il-kulur tal-partit politiku ta' kontra l-president. It-Tuneżini rieduna nneħħu l-istandard peress li kellu kulur aħdar. Konna Gużi Gauċi il-president, jiena bħala segretarju, u ż-żużu li bdejna nfehmu lit-Tuneżini li l-istandard kien il-kulur tal-banda tagħna u dawn fehmu u ħallewna nkomplu bl-istandard aħdar.

Żużu kien ukoll jgħin ħafna f'attivitajiet oħra organizzati mill-kumitat, fosthom l-attivitajiet tal-karnival li konna norganizzaw ukoll għall-kompetizzjonijiet tal-aħjar kostumi karnevaleski għat-tfal. Fl-1994, il-Kumitat bix-xieraq kien qed jorganizza l-75 sena mit-twaqqif tal-banda, u ż-Żużu kien inkarigat biex jagħti libsa sabiħa u ġdida għal każin b'tibjid u żebgħa mal-każin kollu.

Il-Ħadd 17 ta' Lulju, il-Brażil rebaħ it-tazza tad-dinja kontra l-Italja, meta Baggio tilef penalty u ż-Żużu kien ferm ferħan li rebħu l-Brażil għax kien partitarju tagħhom. It-Tnejn, 18 ta' Lulju, niftakarni mmur il-każin u flimkien maż-Żużu kont qed nieħu flixkun birra mill-każin u nitkellmu flimkien jiena u hu dwar it-tazza tad-dinja li kienet għadha kemm spiċċat. L-għada, it-Tlieta 19 ta' Lulju, ġrat it-traċedja. Iż-Żużu u Raymond Agius (magħruf bhala l-mundu, li kien ukoll membru tal-kumitat) peress li kienet ġejja l-festa, telgħu jagħmlu xi xogħol fuq il-bejt. Kien il-ħabta tal-4:00pm, meta ġara li Żużu mar jagħmel xogħol fuq l-opramorta fuq il-faċċata. Dak il-ħin kien għaddej



quddiem il-każin it-tifel taż-Żużu, Dione, miżżewweġ lil oħti ż-żgħira Natalie, u l-istess oħti, flimkien ma' Dione, sellem lill-missieru, iżda l-anqas laħaq Dione u oħti daru mal-kantuniera tal-każin li l-opramorta li kien fuqha ż-Żużu ċediet bil-piż tiegħu. Dan waqa' b'saħħa kbira quddiem il-każin f'għadira demm. Raymond Agius laħaq żamm mal-opramorta l-oħra u b'miraklu dan ma waqax. Imma ż-Żużu, f'għadira demm, ħa tisbita kbira mal-waqgħa fit-triq tant li mal-waqgħa kbira kif ġismu mess mat-triq għola ftit pulzieri mit-triq. Tistgħu taħsbu din ix-xena tal-biża, bit-tifel tiegħu u oħti b'ħass ħażin fuqhom, bin-nies jikbu u jwerżqu u ftit minuti wara ġiet l-ambulanza li ħadet liż-Żużu l-isptar. Jien kont f'laqgħa u ċempluli - mort il-każin - sibt lil Tony Carbonaro u għidtlu jigi miegħi l-isptar ħalli nsegwu mill-qrib u nkunu l-isptar flimkien mal-familja u l-ħbieb tiegħu. Hemm konna, jiena u Tony Carbonaro, fl-isptar insegwu flimkien mal-familjari tiegħu, martu, ibnu, oħti u familjari oħra, kif ukoll ħbieb taż-Żużu. Kulħadd jistenna l-aħbar wara din il-waqgħa.

Kien ftit wara nofs il-lejl tal-Erbgħa 20 ta' Lulju: jiena u Tony Carbonaro rajna ħiereġ mgħaġġel u mifxul is-saċerdot tal-isptar, patri. Jien mill-ewwel din il-biċċa ma niżlitlix tajjeb, għalhekk għidt lil Tony Carbonaro biex immorru niġru nfittxu lil dan il-patri nistaqsuh jekk kienx jaf xi ħaġa fuq qagħdet iż-Żużu. Dan il-patri hawn għarrafna li Żużu tilef ħajtu. Jiena u Tony ma flaħniex għal din l-aħbar u kien se jagħtina ħass ħażin. Ħadd mill-oħrajn ma nduna b'dan, li kulħadd jistenna l-aħbar u ż-Żużu kien diġa mejjet. Ġibna skuża jiena u Tony sabiex warrabna fis-skiet għax ma flaħniex nassistu meta l-uffiċjali tal-isptar marru jagħtu l-aħbar tal-mewt - skużajna ruħna u morna lura d-dar. Ippruvajt norqod imma ma stajtx nagħmel rasi sew fuq l-imħadda. Ovvjament, ftit ħin wara l-awtoritajiet tal-isptar taw l-aħbar tal-mewt taż-Żużu. Konna jiena u Tony l-ewwel nies li sirna nafu li ż-Żużu kien ħalliena. Lit-tifel tiegħu - Dione - kien biss dan l-aħħar li jien għidtlu għaliex jiena u Tony qbadna u tlaqna hekk minn ħdejhom. Dan kien sigriet li jien żammejt f'qalbi għal bosta snin - għax ma ridtx inkun jien li nagħtih l-aħbar tal-mewt ta' missieru.

L-għada, il-Ħamis 21 ta' Lulju 1994, sar il-funeral taż-Żużu mill-isptar San Luqa għall-Bażilka, akkumpanjat mill-banda tagħna. Kienet ġejja l-festa ta' Santa Liena, u qabel din it-traċedja kien diġa' beda t-tiżjin fit-toroq fl-inħawi tal-każin. Il-Kumitat iddeċieda li b'rispett lejn iż-Żużu - li kien għadu kien miet xahar qabel - iddeċidejna li ma nieħdux sehem fil-festa ta' Santa Liena bħala luttu. Is-Sibt, lejliet il-festa, fejn konna suppost se nagħmlu l-marċ tat-Te Deum - marċ ta' filgħodu ta' lejlietha - minflok daqqejna f'marċ brijiuż, organizzajna quddiesa b'sufraġju għal-ruħu, quddiesa li kienet iċċelebrata minn Fr David Azzopardi li kien id-direttur spiritwali tal-każin dak iż-żmien. Folla kbira ta' nies imliet l-inħawi kollha tal-każin tassisti għal din il-quddiesa quddiem il-każin kienet ġiet mikxufa rħama li għadha mwaħħla sal-lum mal-faċċata tal-każin biex tfakkar din it-traċedja kbira. Festa Santa Liena li kienet fjakka u vojta mingħajr is-sehem tal-banda tagħna. Il-kazzola li kien qed juża ż-Żużu fix-xogħol li kien qed jagħmel fil-faċċata fl-opramorta għadha l-każin b'tifkira ta' din it-traċedja. Traċedja li għadha fil-memorja u fl-istorja tal-Għaqda.

Biex inpattu ftit li ma ħadniex sehem fil-festa ta' Santa Liena, u peress li konna qegħdin niċċelebraw il-75 sena, organizzajna marċ il-Ħadd 20 ta' Settembru fejn ġiet mistiedna l-banda Leone t'Għawdex. Kien bix-xieraq li nhar il-Ħamis 2 ta' Mejju ta' dis-sena, meta ġiet inawgurata l-faċċata l-ġdida u l-intrata tal-każin, mart iż-Żużu - Fransina Buhagiar - ġiet mogħtija rigal b'tifkira ta' li ġara lil żewgħa 25 sena ilu. Jalla l-Mulej iroddlu għat-tajjeb li wettaq tul ħajtu il-mistrieħ ta' dejjem.

